ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**LaqgħaNumru 55**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, nhar l-Erbgħa13 ta' Frar 2019 fis-6.30p.m.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Antoine Saliba Haig - Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Martina Brancaleone – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri–Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**55.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-KunsillieraMartina Brancaleone u Daniel Bugeja li kienu tnejn indisposti minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**55.2 Unaudited Financial Statements 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2018.

L-accountant spjega li minħabba tibdil fl-approach tal-Accounts, il-Kunsill se jkun qed jaffaċja deficit. Dan minħabba l-fatt li kien inħadmu l-accounts din is-sena, d-Depreciation zdieded b'€700,000.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** staqsa jekk din is-sitwazzjoni hux se tibqa' tirrifletti fil-Financial Statements, sena wara oħra. L-Accountant spjega li din l-issue se tinqala' darba biss u mas-snin il-Kunsill se jibbenefika minnha.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda**.**

L-Unaudited Financial Statements għas-sena 2018 ġew approvat b'mod unanimu.

**54.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 5 ta' Marzu 2019 fis-7.00p.m.

Konfermati, illum, 5 ta' Marzu 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |